# *Katina Karmelitana*

**Nru. 10** **Terzjarji Karmelitani Żurrieq** **Jannar - April 2010**

## Nibqgħu Mexjin ma' Marija

Għadna kif iċċelebrajna l-festa sabiħa tal-Milied li kulħadd ikun qed jistenna bil-ħerqa. Saru ċelebrazzjonijiet kbar kemm reliġjużi kif ukoll festi esterni. Issa huwa ż-żmien li nirriflettu u naraw x'effett għandha tħalli fuqna t-tifkira tal-miġja ta' Kristu fostna.

Waqt waħda mill-priedki li smajt, kien hemm saċerdot li ta tifsira ta' x'għandu jfisser għalina t-titolu tal-Karmelu. Karmelu jfisser ġnien; Marija hija ġnien sabiħ; Ġnien fil-milja kollha tiegħu. Il-ġuf ta' Marija huwa l-art għammiela li fih intefgħet iż-żerriegħa tal-ħajja. Biex ikun hemm il-ħajja jrid ikun hemm id-dawl; dan id-dawl niżel fuqHa permezz ta' l-Ispirtu s-Santu u fiha sawwar l-Iben t'Alla magħmul bniedem. X'tixbiha sabiħa dik!



L-Iben t'Alla ħa l-ħajja fil-ġuf qaddis ta' Marija. Hawn kellu l-bidu tiegħu il-pjan t'Alla għas-salvazzjoni tagħna. Kristu ma ġiex għalxejn fostna. Ġie biex isalvana u jibqa' magħna permezz ta' l-Ewkaristija Mqaddsa. U issa wara li xbajna miċ-ċelebrazzjonijiet u festeġġjamenti ser ninsew dak kollu li twettaq minħabba fina permezz ta' Marija mimlija bil-





grazzja. Għandna nkomplu nsaħħu l-fidi tagħna billi nersqu ta spiss lejn l-Ewkaristija Mqaddsa. Għandna ngħixu ħajja ta' talb u nattendu għal-laqgħat li jkollna. Marija kebbet lil binha Ġesu' u ħaddnitu magħha għax tħobbu u lilna rabtitna magħha permezz tal-labtu mqaddes biex tmexxina u ma nintilfux. B'din ir-rabta trid twassalna għand binha Ġesu'.

"Nimxu warajk kull fejn teħodna O Verġni Marija." Omm li tħobb żgur tieħu lil uliedha fejn isibu l-paċi u l-ferħ. Hekk tagħmel Marija, Omm u Ġmiel tal-Karmelu, tmexxina biex naslu fejn hemm il-vera paċi u sliem: l-Ewkaristja fejn niltaqgħu ma binha Ġesu'.

**Ċettina Żahra**
**Terzjarja Karmelitana**

## Messaġġ mis-Segretarja

Għeżież Terzjarji u Devoti tal-Madonna tal-Karmnu,

Nixtiqilkom il-kumplament tas-sena t-tajba. Issa li bdejna sena ġdida nixtieq li jkunu iżjed dawk li jattendu għal-laqgħat u l-attivitajiet ta' matul is-sena. Bħala Terzjarji għandna d-dmir li nsiru nafu u nitgħallmu iżjed fuq Ġesu' u Ommna Marija u għall-formazzjoni tagħna. Nistednukom tieħdu sehem fl-irtir tas-16 ta' Frar u fl-Erbgħat ta' l-Udjenza li jibdew f'April.

Il-Madonna tberikna
**Carmen Farrugia**

## Programm għax-xhur Jannar - April

### Laqgħat Marjani

- **L-Erbgħa 6 ta' Jannar 2010**
- **L-Erbgħa 3 ta' Frar 2010**
- **L-Erbgħa 3 ta' Marzu 2010**

Il-laqgħat jibdew fil-5.00pm fiċ-Ċentru Pastorali bir-reċita tar-Rużarju u wara jkun hemm il-Quddiesa.

### Irtir tar-Randan

Nhar it-Tlieta 16 ta' Frar, ser isir irtir ta' ġurnata għand il-membru Ulied Marija Ewkaristika f'Ħaż-Żebbuġ. Il-private titlaq mill-venda fid-8:45am. Prezz €15 li jinkludi, te, ikla ta' nofsinhar u transport.





## *Il-Labtu tal-Madonna tal-Karmnu... ... hu SINJAL*

- Approvat mill-Knisja għal aktar minn seba' mitt sena,
- Li juri l-fehma sħiħa li nimxu wara Ġesu' bħal Marija;
    - b'qalbna miftuħa għal Alla u għar-rieda tiegħu,
    - immexxijin mill-fidi, mit-tama u mill-imħabba,
    - qrib tal-bnedmin l-oħra li huma fil-bżonn,
    - mehdijin bla waqfien fit-talb infittxu l'Alla li huwa preżenti fil-ġrajjiet kollha ta' ħajjitna,
- Li jdaħħal lill-insara fil-Familja Karmelitana,
- Li jsaħħaħ it-tama tal-laqgħa tagħna ma' Alla fil-ħajja ta' dejjem bil-ħarsien u l-għajnuna ta' Marija,
- Xhieda ta' dan kien il-Papa Ġwanni Pawlu II li kien devot kbir tal-Madonna tal-Karmnu u libes il-Labtu tul ħajtu kollha.